# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




*Numru 43*

*Marzu - April 2001*

BirdLife MALTA



# EDITORJAL



## Ħbieb Ħuttaf,

Is-sena l-oħra fir-rebbiegħa mort sal-Greċja. Darba qabadni l-ġuħ u waqaft f'raħal żgħir biex nixtri ħobża minn forn. Kif ħriġt mill-karozza, għadda dell kbir minn quddiem ix-xemx. Ħarist 'il fuq u nara biċċa ta' ċikonja bajda (white stork) daqs liżar! Għaddiet slowmowxin fil-baxx minn fuq il-bjut u sparixxiet wara d-djar.

Raġel xiħ fuq bank rani niċċassa. Tani tbissima bla snien, għamilli sinjal, u jien mort ħdejh. Imbagħad ippontali b'sebgħu u jien ħarist. Kważi kull bejt, arblu u ċumnija fit-triq kellhom fuqhom bejta goffa taz-zkuk, u f'kull bejta kien hemm xi ċikonja jew tnejn!

Bqajt mibluħ b'din id-dehra tal-ġenn. Skantajt ukoll għax spiss naqra u nisma' li fil-Greċja hemm problema kbira bil-kaċċa! Kif jista' jkun, għedt f'qalbi! Kif jista' jkun li hawn problema bil-kaċċa u dawn in-nies għandhom iċ-ċikonji jgħixu ma' saqajhom(jew fuq rashom, imsomma)?! Ara kieku tazzarda tersaq u titbaxxa ċikonja fuq Malta, ara kif iġibuha duħħan!!! Jekk fil-Greċja hemm problema bil-kaċċa illegali, mela kemm aktar hija serja f'pajjiżna, fejn anke fuq il-ħuttaf jisparaw xi "kawbojs" Maltin?!




Lix-xwejjaħ imbagħad għedtlu Kalimera! (jiġifieri L-għodwa t-tajba! bil-Grieg) u ħallejtu jitbissem u jixxemmex, u mort nixtri l-ħobża!

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Kompetizzjoni 43 | 4 |
| Il-Velleran | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Kun Berdwoċer 2 | 7 |
| Ħuttafa tas-Sena | 8 |
| Kliem il-brimb | 8 |
| In-Nakkra | 8 |
| Attivitajiet | 9 |
| Estinzjoni | 10 |
| Mur aqbad ktieb | 11 |
| Biex niċċajta! | 11 |
| Daħħal membru | 11 |
| Kif sar Is-Simar! | 12 |


### Working Group ta' Klabb Ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo

Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**

Materjal minn Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' isem il-magażin u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.

Pubblikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Żakak Isfar** (ritratt ta' Denis Cachia)
Faċċata ta' wara: **Is-Simar** (ritratt ta' Joe Sultana)
Films: Gutenberg Press
Stampat: Poulton's Print Shop, April 2001

Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Shubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# Mixja ta' Lm300!

Il-mixja li għamilna fit-18 Marzu kienet suċċessun. L-ewwelnett ħadna pjaċir immens bl-**attendenza sabiħa ta' 76 ruħ**! It-tieni u xejn inqas ta' pjaċir kienet **is-somma sabiħa ta' Lm314.40** li ġbartulna! Hawn hi l-lista sħiħa tal-membri li ġabru l-flus.

| | |
|---|---|
| Paul Calleja | Lm45.10 |
| Emmanuel Falzon | Lm23.10 |
| Jürgen Pavanello | Lm22.00 |
| Damian Micallef | Lm20.80 |
| Cliff Sacco Decelis | Lm17.00 |
| Danielle Busuttil | Lm12.87 |
| Darren Dalli | Lm11.00 |
| Shaun J Micallef | Lm11.00 |
| Karl Damato | Lm10.50 |
| Timothy J Falzon | Lm10.25 |
| Andy Attard | Lm10.00 |
| Juan Ellul Pirotta | Lm10.00 |
| Lynsey Żammit | Lm08.38 |
| Marco Calleja | Lm08.15 |
| Mandy Żammit | Lm07.35 |
| Oriana J Chircop | Lm05.75 |
| Matrix J Chircop | Lm05.50 |
| Simon Gauci | Lm05.50 |
| André Camilleri | Lm05.00 |
| Amy Gerardi | Lm05.00 |
| Roxanne Testa | Lm05.00 |
| David Chircop | Lm04.25 |
| Keith Vassallo | Lm04.14 |
| Andrew Agius | Lm04.00 |
| Bruce Micallef Eynaud | Lm04.00 |
| George Micallef Eynaud | Lm04.00 |
| Stephen Micallef Eynaud | Lm04.00 |
| Shaun Grech | Lm03.50 |
| Martha Chetcuti | Lm03.10 |
| John Paul Camilleri | Lm03.00 |
| Luke Grech | Lm03.00 |
| Eric Pace | Lm02.55 |
| Andrew Falzon | Lm02.31 |
| Daniel Mangion | Lm02.25 |
| Bernice Schembri | Lm02.25 |
| Rebecca Baldacchino | Lm02.00 |
| Franco Farrugia | Lm02.00 |
| Ryan Bonett | Lm01.50 |
| Jason Ciantar | Lm01.25 |
| Tony Farrugia | Lm01.05 |
| Deemer Calleja | Lm01.00 |
| **Total** | **Lm314.40** |

# Borok bir-rimi!




Marzu huwa x-xahar li fih jgħaddu l-aktar borok (papri selvaġġi) minn ħdejn Malta. Dan jafuh sew il-berdwoċers tal-BirdLife, u f'daż-żmien imorru bi ħgarhom max-xtut ta' Malta biex jaraw x'jgħaddi, u fl-istess ħin iżommu l-għassa biex jekk jaraw kaċċa fuq il-baħar (f'Marzu din hija kontra l-liġi) jirrappurtawha lill-pulizija. Dis-sena ma kinitx ħażin. Għad m'għandniex il-lista kollha, imma biss biss bejn 3 Marzu u 16 Marzu 2001, grupp berdwoċers raw **total ta' 5500 borok** ipassu fil-fliegu bejn Malta u Għawdex. Fost dawn kien hemm xi **3000 sarsella ħamra** (garganey), xi **1800 silfjun** (pintail), mal-**200 palettuna** (shoveler), **90 ferruġin** (ferruginous duck), **20 silfjun Ewropew** (wigeon) u **8 kuluverti tas-salib** (shelduck).

**B'dawn il-flus u b'li faddalna matul is-sena l-oħra, issa ġbarna biżżejjed biex nixtru t-teleskopju għar-riserva naturali ta' l-Għadira! Il-BirdLife tgħid grazzi kbira lill-Klabb għażiż tagħha! La nixtruh inħabbrulkom fil-Ħuttafa.**






# Aktar żejt... aktar periklu!

Dan l-aħħar donnu kulħadd qed jitħajjar ixerred iż-żejt fil-baħar. Kellna l-Erica, imbagħad lil Jessica. Issa ftit ilu għereq mhux tanker, imma rigg taż-żejt, anzi l-*ikbar* rigg fid-dinja! Fuq dan ir-rigg kien hemm mal-1,500,000 litru żejt! Minħabba l-fond li qiegħed fih, u minħabba l-maltemp, l-inġenji ta' salvataġġ ma tantx irnexxielhom jikkontrollaw it-tixrid ta' żejt u diżil li ħareġ mir-rigg.

Id-diżgrazzja, li fiha mietu anke 10 ħaddiema tar-rigg, ġrat 120km fil-grigal ta' Rio de Janeiro (Brażil). Fost tajr tal-baħar li huma fil-periklu li jitniġġsu miż-żejt li ħareġ hemm l-**ispectacled petrel**, tip ta' kanġu rari li jgħix f'dawk l-inħawi biss, u anke l-**yellow-nosed albatross**.




# KOMPETIZZJONI 43



*NORMAN CHETCUTI*
*Apeman*

## Xita xadini!

**Kemm taħsbu li hawn xadini f'din l-istampa?** Iktbulna n-numru fuq karta, u flimkien ma' isimkom u l-indirizz, ibagħtuh lill-BirdLife (indirizz paġna 2).

Biex inqas titfixklu, tkun idea tajba jekk lix-xadini tagħtuhom il-kulur, jew tikbtu numru fuqhom, jew b'xi mod timmarkawhom intom u tgħodduhom. Nawguralkom li ma tistordux, u ċans għandkom sat-**30 April 2001**. Ir-rebbieħ jingħata ktieb dwar l-għasafar.



It-tweġibiet ta' **Kompetizzjoni 42** kienu: *Bagħdan Aħmar, Kuluvert Griż, Gallozz Iswed, Ajkla Bajda, Tajra Safra, Vjolin Ħadrani u Daqquqa Kaħla*. Ir-rebbieħ huwa **Andrea Caruana** minn Santa Venera. Andrea mitlub jiġi jiġbor il-premju tiegħu miċ-Ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex. Importanti li jġib il-membership card.



**Iż-żmien tal-passa huwa wieħed ta' interess speċjali għall-berdwoċers Maltin. Gżira żgħira f'nofs ta' baħar toffri kenn għall-għasafar li jkunu qed jagħmlu dan il-vjaġġ twil u mimli perikli. Anke l-berdwoċers jinbidlu! Jinsew l-għażż u jtiru mis-sodda kmieni kmieni, ġieli qabel jibda jbexbex, bit-tama li jaraw xi għasfur mhux tas-soltu. U wieħed mill-għasafar li kull berdwoċer joħlom li jara huwa l-velleran.**

Ingliż: **Glossy Ibis**
Xjentifiku: ***Plegadis falcinellus***

# IL-velleran

Il-velleran huwa skars imma jidher kull sena. Ġeneralment jidher fil-passa tar-rebbiegħa, l-aktar f'Marzu u April; kultant xi waħdiet jidhru wkoll fil-passa tal-ħarifa, x'aktarx f'Settembru. Berdwoċers li ta' spiss imorru lejn in-naħiet tal-majjistral ta' Malta fir-rebbiegħa mhux l-ewwel darba jaraw qtajja' ta' vellerani jpassu minn fuq il-baħar, kważi dejjem jittajru matul ix-xatt. Peress li l-velleran huwa għasfur ta' l-ilma, rari jieqaf fil-gżejjer tagħna. Ir-riserva ta' l-Għadira hija eċċezzjoni, u kull sena jinżel xi wieħed jew tnejn jistrieħ u jfittex l-ikel fit-tajn.

Il-velleran qajla titfixklu ma' speċi oħrajn. Huwa pjuttost kbir fid-daqs: eżatt daqs agrett abjad, fil-fatt. Il-kulur huwa skur ħafna u jidher iswed mill-bogħod. Imma huwa fil-fatt vjola jilma' fl-aħdar mill-viċin (bħar-rix fuq għonq il-ħamiem). Meta jtir jidher ftit ikbar għax iżomm għonqu 'l barra, filwaqt li l-irsieset iżommuh 'il ġewwa. Dan jgħinna biex nagħrfuh.

Il-velleran huwa l-uniku speċi li naraw f'Malta li hu kbir, skur kważi iswed, u jżomm għonqu 'l barra meta jtir. Wieħed irid joqgħod attent ukoll għall-gurlin (*curlew*), imma dan huwa iżgħar u kannella fil-lewn. Il-velleran għandu ħabta jigglajdja distanzi qosra waqt li jtir. Karatteristika oħra importanti hija l-munqar, li hu twil, b'saħħtu, u mgħawweġ 'l isfel - dan jintuża mill-velleran biex isib id-dud u annimali oħra żgħar fit-tajn. Meta jtir fi qtajja', bħal ħafna għasafar oħrajn, ħafna drabi jżomm il-famuża formazzjoni 'V'.

Il-velleran ibejjet fil-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran, dejjem fejn isib l-ilma. Il-ħabitat preferit tiegħu huwa l-bur bis-siġar imferrxin - dan l-ambjent jinsab fost l-oħrajn fit-tramuntana ta' l-Italja, fil-pajjiżi Baltiċi, u fl-inħawi famużi tal-Camargue fi Franza. Kolonji ta' vellerani jibnu bejtiet imdaqqsin fis-siġar, ħafna drabi siġar li jkunu jikbru fl-ilma.

Waħda mill-isbaħ memorji li għandi tal-berdwoċing hi qatgħa żgħira ta' vellerani jittajru fil-baxx minn fuq Kemmuna tard wara nofsinhar f'April, meta l-uniku ħoss kien l-għanja tar-rożinjoli fil-wied. April joffri ċ-ċans ta' mumenti msaħħrin bħal dawn, u l-parir tiegħi huwa: aqbdu t-tromba u l-gajd, u titilfuhx!

*MARK ANTHONY FALZON*



"...iżomm għonqu 'l barra meta jtir."

# GALLERIJA

**Mnaqar**
Christopher Aquilina (14)





**Ċinju Mutu**
Andrew
Gauci Attard (12)

**Makaw**
Keith Schembri (8)





**Tukan**
Edwin Gusman (8)

**Ħuttafa**
Christine Galea (7)



**Pellikan**
Nadia Saliba (8)





**Ħut ta' l-ilma ħelu**
Malcolm Fiott (10)




**Pitirrossi**
Matthew
Napier (9)





**Pappagal**
Jean Paul
Mifsud (9)



**Agrett Isfar** Victoria Aquilina (10)



**Żrinġ**
Anastasia
Refalo (9)

**Jekk tixtiequ t-tpinġija tagħkom tidher f'Il-Ħuttafa, agħmlu hekk:**
- pinġu dejjem fuq karta bajda
- tpinġux ikbar minn din il-paġna
- pinġu b'linka sewda, qatt bil-kulur
- tpinġux annimali domestiċi
- iktbu isem l-annimal jew pjanta.
- iktbu isimkom u l-età

Kull tpinġija li nġibu tieħu **3 punti** fil-**Ħuttafa tas-Sena 2001**.

# Kun berdwoċer 2

**X'għandna nagħmlu biex ingawdu l-għasafar aħjar**

**Tajjeb li qabel ma nkompli nagħtikom id-dettalji dwar kif issiru berdwoċers ta' klassi, nitkellmu ftit ukoll dwar l-imġiba tagħna meta nkunu fil-kampanja.**



## Jiġu l-ewwel!

Fil-berdwoċing, l-għasafar jiġu l-ewwel, mhux aħna. Jekk irridu nibqgħu ingawdu l-għasafar fis-snin li ġejjin, irridu nieħdu ħsieb u ngħożżu dak li għandna, li wara kollox huwa dak li ħallewlna ta' qabilna.

L-għasafar jiddejqu jekk aħna nfixkluhom fil-ħajja tagħhom, u faċli ħafna jitgerrxu. Biex ma nfixklux l-għasafar irridu noqogħdu attenti li ma nindaħlulhomx iktar milli jkun hemm bżonn.

## Żomm nadif!

Tħammġux u tarmux barra. Affarijiet li tafu li mhux se jitmermru malajr, bħal plastik, ġablo, aluminju, landa u ħadid tarmuhomx barra, imma sibu landa taż-żibel (jew jekk le, ħuduhom lura magħkom id-dar).

## Imxi fil-mogħdijiet!

Ma nimxux kullimkien. Li kieku kulħadd jimxi fejn jogħġbu, nispiċċaw kullimkien passaġġi, ħaxix kollu mgħaffeġ u ħamrija kollha mballta. Mela meta tmorru timxu x'imkien, żommu kemm tistgħu mal-mogħdijiet.

## Warrab!

Jekk tkunu bilqiegħda fil-kampanja u jkun hemm xi għasfur viċin li jagħmel ħin twil itektek madwarkom, dak possibli li jkun qed jipprova jkeċċikom għax viċin ikun hemm il-bejta tiegħu. Sa ma intom titilqu, l-għasfur ma jmurx lura fil-bejta għax jibża' minnkom, u l-povri flieles tiegħu jibqgħu bil-ġuħ.

## Attent għall-bejtiet!

Jekk tinzertaw li ssibu xi bejta, arawha malajr kemm jista' jkun u komplu mixjin. Bejta tistgħu tagħmlulha l-ħsara jekk tmissuha għax iċċaqalquha minn postha, u din ma tibqax daqshekk b'saħħitha u bir-riħ tista' taqa'. Jekk ma toqogħdux attenti tistgħu wkoll tikxfuha ż-żejjed (jekk twarrbu xi fergħa bil-weraq eċċ), u b'hekk jaraha xi predatur u jisraq il-flieles. Mela biex teħdulha ritratt jew biex tarawha , ara ma jfettlilkomx taqtgħu weraq jew taqsmu jew tilwu xi zokk! Ħudu paċenzja u ftakru dejjem li l-għasfur huwa iktar importanti mir-ritratt tiegħek! Ftakru wkoll li wara kollox, huwa kontra l-liġi tfixkel bejtiet ta' għasafar!

## Irrapporta ksur!

Jekk taraw ksur fil-liġijiet (bħal kaċċa u nsib f'postijiet jew fi żmien jew fuq tajr li mhux suppost) irrappurtaw minnufih lill-pulizija fuq 191. M'hemmx għalfejn tagħtu isimkom. Importanti li tispjegaw sew il-post, u xi ksur ta' liġi rajtu*, biex b'hekk il-pulizija tkun tista tieħu l-passi meħtieġa b'ikbar ħeffa u suċċess. Idea tajba wkoll li jekk il-ksur ta' liġi jkollu x'jaqsam ma' l-għasafar, iċċemplu wkoll lill BirdLife fuq 347646 ħalli nkunu nafu x'ġara u nkunu nistgħu nsegwu fuq ir-rapport.

**Agħmlu dan kollu, u tkunu fost l-aktar berdwoċers bil-għaqal ta' Malta.**

*JUSTIN VASSALLO*

*Jekk ma tafux x'tgħid il-liġi dwar kaċċa u nsib, tistgħu tiġbru fuljett b'xejn mid-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent.

## Ħuttafa tas-Sena 2001



**Dawn huma l-ewwel 15 fit-tellieq għall-Ħuttafa tas-Sena 2001 kif qegħdin bħalissa.**

| | |
|---|---|
| Jürgen Pavanello | 127 |
| Paul Calleja | 123 |
| Kyra Vassallo | 70 |
| Emmanuel Falzon | 68 |
| Cliff Sacco Decelis | 63 |
| Damian Micallef | 63 |
| Marco Calleja | 44 |
| Danielle Busuttil | 43 |
| James Micallef Shaw | 38 |
| Darren Dalli | 38 |
| David Chircop | 36 |
| Clayton Borg | 35 |
| Andy Attard | 35 |
| Karl Damato | 35 |
| Timothy Falzon | 35 |

## kliem il-brimb!

Dawn t'hawn taħt mhux xi ċajta, imma mossi ta' veru li jagħmlu ħafna speċi brimb, bħall-**brimb qabbieżi** (jumping spiders) biex jikkomunikaw bejniethom! Tgħid x'ikunu qed jgħidu hux?




Tpinġijiet minn *Spiders of the World* (1984)

# in-Nakkra

Spot Natura

JASON ALOISIO

Il-molluski huma annimali aktarx bil-qoxra u b'ġisem artab, bħall-bebbux li naraw fil-kampanja. Issibhom f'diversi ambjenti, anke fuq il-bjut tad-djar tagħna. S'issa f'pajjiżna nstabu madwar 100 speċi ta' l-art, u xi 700 oħra tal-baħar. Fost dawn hemm l-arzell, molluski b'ġisimhom magħluq bejn żewġ qoxriet. U l-ikbar fost dawn l-arzell hija n-**nakkra**.

In-nakkra (bl-Ingliż *fan mussel*) kapaċi tikber sa metru u għandha l-għamla ta' mrewħa dejqa u tawwalija. Dan l-annimal iqatta' ħajtu nofsu midfun fir-ramel. Il-qoxra tan-nakkra tkun ħarxa minn barra, imma lixxa u tleqq minn ġewwa. Mit-tarf t'isfel joħorġu bħal għeruq b'saħħithom li jankraw lin-nakkra mal-qiegħ biex ma tinġarrx mal-kurrent. Minħabba f'dawn ix-xniexel jgħidulha wkoll**nakkra tal-ħarira**.

Fl-antik in-nakkra kienet tinġabar biex minn dawn l-ispeċi ta' għeruq jinħadmu xalel u ngwanti għan-nobbli u s-sinjuri. Illum min jiflaħ iħallas jiddandan b'affarijiet oħra! Imma sfortunatament in-nakkra xorta waħda tinġabar mill-għaddasa, li jintlaqtu mid-daqs kbir tagħha.

U aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar in-nakkra qiegħda tonqos fin-numru u anke fid-daqs, għax l-eżemplari l-kbar huma l-aktar li jinġabru. Tant hu hekk li llum diffiċli ssib nakkra akbar minn 35ċm!





*Hawn ħbieb,*

*L-eżamijiet għaddew, il-passa bdiet, x'irridu aktar?! U dawk li ġew l-attivitajiet li kellna jafu b'dan. Fl-attività tal-Qammiegħ, borok rajna xi 400 b'kollox! Għaddew ftit 'il barra u kellna nużaw teleskopju biex narawhom sew. Sabiħ tara dawk l-għasafar kollha f'nofs ta' baħar tafux! Ħasra li rajna wkoll xi dingis bil-kaċċaturi fihom... għax dawk il-jumejn kien hemm l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali u l-awtoritajiet irraġunaw li ma setgħux "jaħlu" pulizija biex jipproteġu l-għasafar! Imn'alla li l-Ħadd inzerta m'għaddewx wisq għasafar, għax ħerba kienu jagħmlu, mhux billi l-istaġun magħluq!*

**13 plus**

*Il-Ħadd xorta ħadna pjaċir u biex inpattu ta' l-għasafar li ma rajniex, rajna żewġ dniefel għaddejjin ħelu ħelu minn max-xatt! Tiskanta, meta jinżlu lanqas mewġa ma jħallu f'wiċċ l-ilma!*

*L-għasafar rajniehom viċin fil-ħarġa ta' Għawdex, sakemm ma kinux mirax, b'dik is-sħana li għamlet! Ġbidna lejn il-lvant tal-gżira. Għall-ewwel għaddejna mit-triq, imma l-bqija niżgurakom illi mhux mit-triq għaddejna! Tassew ħadna gost għaddejjin mill-kampanja nadifa u idillika Għawdxija! Għal xi nofsinhar wasalna Ħondoq ir-Rummien, u bejn is-sħana u bejn il-baħar kalm, ma flaħniex ma ninżlux ngħumu, għall-inqas dawk minna li kellna l-malja!*

*Wara komplejna mixjin, u hawn bdejna naraw l-għasafar. L-ewwel rajna daqquqa tat-toppu, imbagħad kuda, xi bgħadan u spanjuletti, u meta wasalna fil-fortizza mijiet ta' vrieden u ġojjini... fil-gaġeġ!!! X'ħasra f'dik is-sħana kollha! Imbagħad in-nassab jaħliflek li l-għasafar il-mimmi t'għajnejh! Mur emmnu!*

*Strahna, kilna u ħadna xi ritratti fil-fortizza. Wara tlajna telgħa iebsa u twila sal-Qala. Xtaqna nimxu sax-Xagħra, imma l-ilma kien spiċċalna u kienu saru l-4pm. Ċempilna lil ħabib joqgħod Għawdex, li ġie għalina u wassalna bil-karozza sad-dar tiegħu. Hemm xrobna u straħna ftit ieħor, imma ma stajniex indumu (avolja l-frieħ tal-qtates li kellu kienu veru ħelwin) għax il-ħin issa kien qed jagħfas sew. Wasalna x-xatt, imma l-vapur tlifnieh eżatt, u kellna nistennew ta' warajh. U mn'alla għax aħna u nistennew rajna qatgħa ta' xi 25 russett griż!*

*Biex nagħlaq bis-sabiħ, rajna wkoll qatgħa ċief jiġru wara trowler fil-port taċ-Ċirkewwa! Wasalna d-dar imfarrkin, imma ċerti li l-ħarġa li jmiss nerġgħu niltaqgħu!*

*Narakom!*

**Justin Vassallo**

# kemmuna

**L-appuntament ta' kull sena ma' Kemmuna reġa' wasal. Tlaqna ngawdu nofs ta' nhar kwiet u natura, 'il bogħod mit-traffiku, mill-bini, mill-istorbju, mill-kaċċa! Bħas-soltu, se nagħmlu żewġ ħarġiet f'dati differenti.**



Dati: Ħarġa A - **29 April 2001**
Ħarġa B - **1 Mejju 2001**
Prezz: Żgħar: **Lm1.25**
Kbar: **Lm1.75**
Età: **Under 13 yrs**
Aktar dettalji lil min jibbukkja

- **Ibbukkjaw bit-telefon** (347646 Mon-Fri 9am-1pm) mhux wara s-**27 April 2001.**
- **Aħsbu kmieni** - il-lanċa tieħu numru limitat ta' nies.
- **Tibagħtux flus** - ħallsu dakinhar stess tal-ħarġa.
- **Ġibu magħkom** ikel, xorb, beritta, nowtbuk, lapes, basket tad-dahar u (jekk għandkom) tromba u gajd. **Iġġibux** radjijiet, blalen eċċ!

*Għeżież ġenituri...*
*Nixtiequ li għal dil-ħarġa ma jiġix aktar minn ġenitur wieħed minn kull familja. Dan nagħmluh biex inħallu aktar post għall-membri stess, peress li n-numru limitat. Membri ta' taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir (14+) magħhom. Grazzi ħafna!*





# kemmuna

Aħna tat-**13+** ukoll se naħarbu ħarba sa Kemmuna. Għalkemm se tkun dakinhar ta' waħda mill-ħarġiet taż-żgħar, ser inkunu grupp għal rasna u fil-fatt lanqas l-istess lanċa m'aħna ser naqbdu! Hawn huma d-dettalji...

**13 plus**

Data: **29 April 2001**
Niltaqgħu: **Bieb il-Belt 6.20am** jew
**Il-Marfa 7.20am**
Naslu lura: **Il-Marfa** f'xi **6pm**
Età: **13yrs+**
Min ġej irid iċempel l-uffiċċju 347646 (Mon-Fri 9am-1pm) u jħalli ismu u t-telefon, u jgħidilna fejn ser jiltaqa' magħna.

# L-estinzjoni!



**Ilkoll tafu bid-dinożawri! Forsi tafu wkoll kif spiċċaw. Kien xi diżastru kbir, u mad-dinożawri spiċċaw ukoll ħafna annimali u pjanti oħrajn. Fl-istorja tad-dinja seħħew ħames estinzjonijiet kbar. Tgħid illum id-dinja għaddejja mis-sitt waħda? Għax jekk hu hekk, did-darba d-diżastru huwa xogħol il-bniedem!**

Id-**dodo** kien għasfur daqs dundjan li kien jgħix fuq il-gżira Mauritius. Illum m'għadux jeżisti: qerduh il-baħħara lejn tmiem is-Seklu 17, li kienu jinżlu u jaqbdu minnu bl-addoċċ.

## Naturali

Li annimali u pjanti jispiċċaw biż-żmien hija ħaġa naturali. L-estinzjonijiet il-kbar tal-qedem ġraw minħabba xi katastrofi naturali li biddlet it-temperatura jew ħawdet l-atmosfera. Meta jiġri dan f'daqqa, l-annimali u l-pjanti ma jkollhomx iż-żmien li jevolvu u jidraw dan il-bdil, u għalhekk jibdew imutu bil-miljuni. Hekk ġralhom id-dinożawri meta kesħitilhom l-arja.

Ix-xjenzati jaħsbu li iktar minn 99% ta' l-ispeċi kollha li qatt għexu huma llum estinti, u ħafna minnhom spiċċaw qabel ma kien jeżisti l-bniedem.

Imma l-problemi li qegħdin jiffaċċjaw xi 11,000 speċi ta' annimali u pjanti llum mhumiex problemi naturali, imma problemi li qegħdin noħolqu aħna n-nies.

## Ħabitati

Ħafna speċi huma mhedda minħabba li mhux qed ikollhom iktar fejn jgħixu. Il-qtugħ tal-foresti tropikali, per eżempju, qed iġib miegħu qerda ta' ħafna u ħafna speċi li jgħixu fiha, uħud minnhom għadhom lanqas biss ġew studjati, fosthom mijiet ta' pjanti u insetti. Il-panda, per eżempju, għandu bżonn foresti sħaħ ta' bambù, għax dan l-annimal bambù biss jiekol. Jispiċċa l-bambù, ċaw ċaw il-panda!



Dal-**ħanżir l-art** jgħix f'xi għerien f'Malta biss. Jekk neqirduh minn Malta, jiġi estint mid-dinja!

## Tniġġis

Bit-tniġġis tax-xmajjar, għadajjar u l-baħar, il-bniedem qiegħed jeqred ukoll l-ambjent ta' ħafna annimali u pjanti li jgħixu fl-ilma, fost dawn ħafna ħut, dniefel u balieni.

Bid-dħaħen fl-arja qegħdin inġiegħlu t-temperatura tad-dinja togħla, u jista' jkun li qed nikkawżaw il-qerda ta' mijiet ta' speċi ta' żrinġijiet.

## Eżotiku

Problema oħra hija l-introduzzjoni ta' speċi eżotiċi, jiġifieri speċi minn inħawi oħrajn. F'ħafna każijiet ġara li dawn l-ispeċi ġodda ħadu post l-ispeċi indiġeni, għax ikunu ħelsu mill-predaturi li kienu jikkontrollawhom fl-art naturali tagħhom. Per eżempju, meta daħħlu n-Nile perch (tip ta' ħuta) fl-għadajjar ta' l-Afrika tal-Lvant, din qerdet ħafna mill-popolazzjonijiet ta' ħut li kienu jgħixu hemm oriġinarjament. Parti mill-problema hi li diffiċli ħafna tkun taf x'effett se jkollha ċerta speċi jekk iddaħħalha f'ambjent ġdid (ara wkoll Il-Ħuttafa 41)

## Kaċċa

Il-kaċċa u s-sajd huma kawża oħra ta' estinzjoni. F'ammonti kkontrollati, il-kaċċa u s-sajd (u hawn qed nitkellmu fuq kaċċa u sajd veru għall-ikel mhux għall-passatemp!) m'humiex problema serja, imma meta mhux ikkontrollati jistgħu jwasslu għall-qerda ta' ħafna speċi.

Per eżempju sal-bidu tas-Seklu 19 fl-Amerka ta' Fuq kienet komuni ħafna l-passenger pigeon - in-naturalista JJ Audubon kiteb li darba ra qatgħa ta' biljun (1000,000,000) għasfur għaddejjin ma jaqtgħu xejn qishom sħaba jgħattu d-dawl tax-xemx! X'ġara? Bdew joqtlu minnhom għall-gost u bl-addoċċ... U llum? Ma baqax waħda!

Kaċċa ssir ukoll għal xi annimali biex jeħdulhom xi partijiet minn ġisimhom. Eżempju t-tigra li jeħdulha l-għadam u l-ġilda, u l-iljunfant li joqtluh għan-nejbiet.

## Pets

Ħafna annimali, bħal pappagalli, fkieren, sriep u wiżgħat spiċċaw mid-dinja għax inqabdu f'ammonti kbar mis-selvaġġ biex jinbiegħu bħala pets! Bl-istess mod ħafna pjanti bħall-kaktus u orkidi jinqalgħu mis-selvaġġ biex jinbiegħu fil-ħwienet tal-ġonna.

**L-estinzjoni hija ħasra kbira, u bi ftit ħsieb nistgħu nevitaw li ssir. Aħna l-bnedmin, fl-intelliġenza tagħna, imissna naraw sew x'aħna nagħmlu, nibdew inħossuna responsabbli għad-dinja li qegħdin infaqqru, u nitgħallmu mill-iżbalji li saru.**

*ELISABETH CONRAD*

# Mur aqbad ktieb...

**Għażla ta' kotba x'taqraw dwar in-natura.**






## The Smallest Whale

Miktub minn Elisabeth Beresford, bi tpenġijiet kbar u ħelwin ta' Susan Field (Orchard 1997)

Ġrajja vera li seħħet qrib il-gżira ta' Aldernay fiċ-Channel Islands. Darba fost l-oħrajn familja balieni kienu qed jgħumu flimkien fil-baħar fond. Il-baliena omm bdiet tagħmel ħsejjes bħal kant biex iż-żgħir tagħha jibqa' jgħum warajha. F'ħin minnhom iż-żgħir tant baqa' lura li ma baqax jisma' leħen ommu, u bi żball beda jgħum wara dgħajsa tas-sajd li kienet riesqa lejn ix-xatt. B'hekk spiċċa biex inkalja fil-baxx, u ma setax jerġa' joħroġ fil-baħar...

*Janet Gerardi*

# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...



- **Tliet pitazzi**
- **Stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**

Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Data tat-twelid ____________ Telefon ____________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Telefon ____________

# Kif sar Is-Simar!



BirdLife
MALTA
*Għall-Għasafar!*

is-Simar
RISERVA NATURALI

BirdLife
MALTA
*Għall-Għasafar!*

**Sa ftit snin ilu, Is-Simar kien miżbla tnixxi d-drenaġġ u mimlija firien, tkissir, siringi u skart tal-bniedem. Illum Is-Simar huwa riserva naturali mimli siġar, insetti, għasafar u fjuri. X'ġara, miraklu? Le, sempliċiment daħlet il-BirdLife u salvatu!**